**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru: 375/2008 MLF**

**Transfreight Limited u Frank Borg bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'**

**vs**

**Joseph Grima ezercenti l-kummerc bl-isem Auto Radio**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u seba' u sittin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€3,867.33) ekwivalenti ghal elf, sitt mija u sittin Lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu (Lm 1,660.24), liema somma hija dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' transport kombinat ta' merkanzija, minnu rikjesti u lilu debitament rezi, per fatturi IM24043 sa IM 25057, flimkien ma' bilanc illi ghadu pendenti fuq il-fattura IM 23921, hekk kif elenkati fl-Statement anness mar-rikors promotur u immarkat Dok 'A' ghas-sena 2006 u 2007, u in rigward ta' liema, ghalkemm diversi drabi interpellat, il-konvenut ghadu ma effettwax il-hlas tal-bilanc

kollu, tenut kont tal-fatt illi hu stess hallas parti mill-ammont dovut tal-fattura IM 23921.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2444/08 ipprezentata fis-6 ta' Awissu, 2008, flimkien ma' l-ispejjez legali u gudizzjari illi sejrin jigu inkorsi mis-socjeta' attrici ghal-irkupru tad-dejn lilha dovut, inkluzi l-interessi kummercjali sa mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi fl-ewwel lok it-talba hija preskritta u dan ai termini tal-Artiklu 2147(d) tal-Kodici Civili Kap 16.

   ii. Illi fit-tieni lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija ghal kollox infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi dawn l-allegat kontijiet huma ghall-kollox imhallsa.

3. Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez li gew rizervati ghal gudizzju finali.[1]

4. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

[1] Ara s-sentenza parzjali tat-13 ta' Ottubru 2010 a *fol.* 55 tal-process.

i. Ma huwiex kontestat bejn il-partijiet li l-konvenut kien jinqeda bis-servizzi tas-socjeta' attrici ghal garr ta' merkanzija mill-esteru lejn Malta. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet ilha ghaddejja ghal diversi snin, u cioe' mis-sena 1998 sal-2007.[2]

ii. Is-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ta' numru ta' fatturi relattivi ghall-perjodu minn Lulju tas-sena 2006 sa Marzu tas-sena 2007.[3] Marcon Pavia, li fiz-zmien in kwistjoni kienet impjegata bhala *accountant* mas-socjeta' attrici, spjegat li l-mod kif kienu jahdmu mal-konvenut kien li kull meta kien jasal ix-xoghol, il-konvenut kien imur l-ufficju taghhom biex jigbor id-dokumenti tar-rilaxx tal-merkanzija u kien jaghmel pagament. Xehdet li ghal kull pagament li kien isir da parti tal-konvenut kienet tinhareg ricevuta. Spjegat li dan il-pagament ma kienx isir fir-rigward ta' xi fattura partikolari izda kien isir hlas akkont, liema hlas kien jigi allokat ghal dawk il-fatturi li jkunu l-aktar antiki. Xehdet li kull xahar is-socjeta' attrici kienet tibghat rendikont lill-konvenut bil-fatturi li jkunu ghadhom mhux imhallsin.[4]

iii. Ix-xhud esebiet ukoll numru ta' *credit notes* li s-socjeta' attrici harget ghaf-favur tal-konvenut bejn is-sena 2000 sas-sena 2005.[5] Spjegat li biex setghet tinhareg *credit note*, l-impjegati tas-socjeta' attrici kienu jehtiegu l-awtorizazzjoni tas-superjuri taghhom.[6] Spjegat ukoll li l-konvenut qatt ma' kien ilmenta maghha dwar il-bilanc li kien jintalab ihallas.[7]

iv. Il-konvenut xehed li meta kien jigi nfurmat li l-merkanzija tkun wasslet Malta, hu kien imur l-ufficcju tas-socjeta' attrici u kien ihallas dak li kien ikun dovut minnu lis-socjeta' attrici ghat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni. Dawn il-pagamenti kienu jsiru fi flus kontanti. Wara li kien jaghmel dan, kienu jinghatawlu d-dokumenti mehtiega sabiex tigi rilaxxjata l-merkanzija. Spjega li fin-nuqqas is-socjeta' attrici ma kinitx tawtorizzah jigbor il-merkanzija tieghu.[8]

---

[2] Ara *Transaction Ledger Sheet* a fol. 390 tal-process
[3] Ara l-fatturi immarkati bhala Dok MP1 a fol. 213 sa 224 tal-process
[4] Ara x-xhieda ta' Marcon Pavia a fol. 203 tal-process
[5] Ara l-credit notes a fol. 368 et seq tal-process
[6] Ara x-xhieda ta' Marcon Pavia a fol. 411 tal-process
[7] Ara x-xhieda ta' Marcon Pavia a fol. 426 tal-process
[8] Ara x-xhieda tal-konvenut a fol. 59, 76, 97 140, 144 u 190 tal-process

v. Il-konvenut jikkontendi li s-socjeta' attrici kienet titolbu jhallas ghal volum ta' xoghol li kien jigi kalkulat f'metri kubi u li f'certi okkazzjonijiet kien ikun superjuri ghal kubagg li effettivament tkun giet importata. Jghid li ghalhekk kien hemm numru ta' *credit notes* li kellhom johorgu favur tieghu mis-socjeta' attrici u li baqghu qatt ma hargu. In sostenn ta' dan il-konvenut esebixxa numru ta' fatturi li fuqhom saret kitba bl-idejn.[9]

vi. Fil-mori tal-kawza gie mahtur Joseph Mallia bhala espert kaligrafu li ghamel komparazzjoni ta' din il-kitba mal-kaligrafija ta' Saviour Abela, direttur tas-socjeta' attrici, u mal-kaligrafija tal-konvenut.[10] Fir-rapport tieghu, l-espert kalligrafu identifika l-kitba ta' Saviour Abela fuq uhud minn dawn il-fatturi.[11]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €3,867.33 rapprezentanti l-bilanc ta' tlettax-il fattura mahruga lill-konvenut ghal servizzi rezi bejn Awwissu tas-sena 2006 u April tas-sena 2007.

8. Bit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa li dan l-ammont mhuwiex dovut stante li dawn il-fatturi huma mhallsa fl-intier taghhom.

9. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi f'kazijiet bhal dan fejn il-konvenut jeccepixxi l-hlas, l-oneru sabiex jipprova l-pagament jinkombi fuq il-konvenut, u dan anke ghab-bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li "*Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

10. Ghalkemm ir-ricevuta hija meqjusa bhala l-ahjar prova li l-konvenut jista' jipproduci in sostenn tal-eccezzjoni tieghu, dan ma jfissirx li l-prova tal-hlas ma tistax issir

[9] Ara l-fattruri minn fol. 61 sa 74 tal-process u dawk minn fol. 164 sa 187 tal-process
[10] Ara r-relazzjoni ta' Joseph Mallia a fol. 273 tal-process
[11] Ara b'mod partikolari l-fattura 23831 datata 26 ta' Gunju 2006 fejn hemm indikat il-kliem "*to issue credit note of .4 cbm*" a fol. 343 tal-process

b'mezzi ohra li bihom il-konvenut jikkonvinci lil gudikant illi effettivament dak il-hlas ikun twettaq. Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Scicluna vs John Scerri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc[12] fit-30 ta' Mejju 1951 inghad illi "*hu car li l-fatt tar-ricevuta, kieku kien hemm, kien ikun prova ta' pagament. Jekk ma hemmx il-konsegwenza hi biss li tonqos dik il-prova*". Fis-sentenza fl-ismijiet **John Grech vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] fis-17 ta' Ottubru 2008 gie ritenut illi *"… … in-nuqqas ta' esebizzjoni ta' ricevuti ma jwassalx ghal daqshekk biss biex l-allegazzjoni li jkun sar certu hlas tigi disdetta … … Dan ma jffissirx pero` li l-prova ta' dak il-hlas ma tkunx tista' ssir b'kull mezz iehor ammess u rikonoxxut mid-dritt probatorju … … dik il-prova, fl-assenza ta' ricevuta, trid tkun wahda univoka, konklussiva, u, fuq kollox, konvincenti*".

11. F'dan il-kaz il-konvenut esebixxa disa' ricevuti mahruga lilu mis-socjeta' attrici fil-perjodu bejn il-11 ta' Lulju 2006 u l-21 ta' Marzu 2007.[14] Fuq uhud minn dawn ir-ricevuti hemm indikat li l-hlas kien qieghed isir fir-rigward ta' fatturi partikolari li n-numru taghhom jinsab indikat fuq l-istess ricevuta. Il-Qorti tosserva li l-ebda wahda mill-fatturi indikati fuq dawn ir-ricevuti ma tinkludi l-fatturi mertu ta' din il-kawza. Minn naha l-ohra, fuq ir-ricevuti l-ohrajn hemm indikat biss li l-hlas kien qieghed isir akkont.

12. Is-socjeta' attrici mhux qed tikkontendi li dawn il-hlasijiet ma sarux, tant li dawn jidhru indikati fil-prospett esebit minnha u immarkat bhala Dok MP1.[15] Il-kontestazzjoni tas-socjeta' attrici hija li dawn il-hlasijiet indikati fir-ricevuti esebiti mill-konvenut intuzaw sabiex jithallsu fatturi ohra li kienu aktar antiki minn dawk li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti fliet sewwa kemm ir-ricevuti esebiti mill-konvenut u kif ukoll il-prospett esebit mis-socjeta' attrici, u effettivament jirrizulta illi dawn il-hlasijiet jirrizultaw indikati f'dan il-prospett.

13. In oltre, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-fatt li fuq uhud mir-ricevuti esebiti mill-konvenut hemm biss indikat li l-hlas kien qieghed isir akkont jikkorrabora dak li

[12] *Per* Imhallef William Harding
[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[14] Ara l-fatturi a fol. 61 sa 74 tal-process
[15] Ara t-Transaction Ledger Sheet a fol. 368 tal-process

xehdet Marcon Pavia li l-pagamenti da parti tal-konvenut ma kienux isiru fir-rigward ta' xi fattura partikolari. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li turi li l-hlasijiet indikati f'dawn l-ircevuti kienu qeghdin isiru specifikatament kontra xi wahda mill-fatturi mertu ta' dawn il-proceduri. Il-konvenut ma jistax fil-mument li gie rinfaccat b'talba ghal hlas, jiddeciedi b'mod arbitrarju li l-pagamenti maghmula precedentement kellhom jigu allokati ghal xi fatturi partikolari, u dan tenut kont tal-fatt li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut kien indika tali allokazzjoni fil-mument tal-hlas. Wara kollox dan il-fatt huwa kkonfermat mill-istess konvenut li xehed li *"jiena l-imp*[o]*rtanti kien meta naghti certu ammont li jaghtini rcevuta ta' l-istess ammont pero' ma kontx nivverifika n-numri li jkunu mnizzlin fl-ircevuti ma' dik l-invoice."*[16]

14. L-allegazzjoni tal-konvenut li l-fatturi antiki li kontrihom marru l-pagamenti indikati fir-ricevuti in kwistjoni kienu diga thallsu ma giet sopportata bl-ebda mod. Id-dokumenti esebiti mill-konvenut immarkati bhala Dok MF2, MF3 u MF4[17] ma jikkorraborawx il-verzjoni tieghu, izda *semmai* dik tas-socjeta' attrici li l-i*statements* u l-fatturi kienu jintbghatu lill-konvenut regolarment u li l-hlasijiet maghmula mill-konvenut dejjem kienu jmorru biex jithallsu l-fatturi l-aktar antiki. Dan jirrizulta mill-fatt li fuq kull wiehed minn dawn l-i*statements* jirrizulta li l-fatturi l-aktar antiki ma kienux ikunu dovuti fl-intier taghhom, propju ghaliex parti mill-ammont ikun thallas permezz tal-pagamenti akkont li kien jaghmel il-konvenut minn zmien ghal zmien.

15. Madankollu l-Qorti tqis li r-ricevuta mahruga mis-socjeta' attrici bin-numru 6660 datata 1 ta' Dicembru 2005 fl-ammont ta' LM50 ekwivalenti ghal €116.47 ma gietx mehuda in konsiderazzjoni mis-socjeta' attrici meta kkomputat l-ammont dovut lilha.[18] Dan qieghed jinghad stante li dan il-hlas ma giex indikat fil-prospett esebit minnha u cioe' fit-*transaction ledger sheet*. Mill-atti ma tirrizulta ebda raguni valida ghal dan in-nuqqas u konsegwentement tali hlas ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

16. Fir-rigward ta' l-allegazzjoni tal-konvenut li hu ghamel hlasijiet zejda stante diskrepanzi fil-kubagg tal-merkanzija, il-Qorti tqis illi anke din l-allegazzjoni ma gietx

---

[16] Ara x-xhieda tal-konvenut a fol. 78 tal-process
[17] A fol. 418 sa 420 tal-process
[18] Ara r-ricevuta immarlata bhala Dok MF6 a fol. 422 tal-process

sufficjentement ipprovata mill-konvenut. Mill-atti jirrizulta li meta l-konvenut kien iressaq xi ilment mas-socjeta' attrici f'dan ir-rigward u jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwaru, Savior Abela, id-direttur tas-socjeta' attrici kien jaghmel notament f'dan is-sens fuq il-fattura stess, u l-impjegati tas-socjeta' attrici kienet johorgu *credit note* bid-differenza ghaf-favur tal-konvenut.

17. L-unika eccezzjoni jirrizulta li kienet il-fattura bin-numru 23831 datata 26 ta' Gunju 2006 fl-ammont ta' LM210.04 u li kienet tindika kubagg ta' 5.6 CBM. Fuq din il-fattura tidher li saret diversi kitba bl-idejn fosthom in-numri "*5.2*" taht l-ammont ta' kubagg u l-kliem "*to issue credit note of .4 cbm*".[19] Fir-relazzjoni tieghu l-espert kaligrafu Joseph Mallia ikkonkluda li din il-kitba kienet ta' Saviour Abela[20] u ghalhekk jirrizulta li f'dan il-kaz kien hemm qbil bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut li kien hemm diskrepanza fil-kubagg. Madankollu mit-*transaction ledger sheet* esebit mis-socjeta' attrici ma jirrizultax li nharget *credit note* wara d-data tal-fattura in kwistjoni. Is-socjeta' attrici naqset milli tispjega kif din id-diskrepanza ta' 0.4 CBM kienet ser tissarraf f'ammont ta' *credit note*, u ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti ghandha biss il-verzjoni tal-konvenut li mill-kalkoli li kiteb hu fuq il-fattura jidher li l-ammont tal-fattura kellu jkun LM198.99 u mhux LM210.04. Dan ihalli differenza ta' LM11.05[21] ekwivalenti ghal €25.74 u li din il-Qorti tqis li ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

18. Fir-rigward tal-kitbiet l-ohra li jinsabu fuq il-fatturi esebiti mill-konvenut u li fuqhom l-espert kaligrafu identifika l-kitba ta' Saviour Abela, dawn ma jwasslux lil din il-Qorti ghal konvinciment li l-konvenut hallas izjed mill-ammont li kien dovut minnu lis-socjeta' attrici.[22]

19. Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghandha titnaqqas is-somma ta' €116.47 rapprezentant ir-ricevuta bin-numru 6660 datata 1 ta' Dicembru 2005 u wkoll is-somma ta' €25.74 rapprezentanti d-diskrepanza fil-kubagg rilevata fil-fattura bin-numru 23831. Ghal fini tal-kalkolu tal-imghax

---

[19] Ara fol. 343 tal-process
[20] Ara r-relazzjoni tal-espert kaligrafu a fol. 288 tal-process
[21] Ghalkemm iktar l-isfel fuq l-istess fattura, il-konvenut kiteb *"CREDIT £12.00"*, dan l-ammont ma jaqbilx mal-kalkoli tieghu stess iktar il-fuq fl-istess fattura.
[22] Ara f'dan is-sens ir-relazzjoni tal-espert kaligrafu u b'mod partikolari ir-rimarki tieghu a fol. 326 sa 364 tal-process

kummercjali, dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu mill-ammonti dovuti fuq il-fatturi numru IM23921 u IM 24043, it-tnejn datati l-1 ta' Awwissu 2006, stante li huma l-iktar zewg fatturi antiki.

20. Konsegwentement, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut huwa ta' €3,725.12.[23]

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

  1. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

  2. Tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef seba' mija u hamsa u ghoxrin euro u tnax-il centezmu (€3,725.12), bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, b'dan li ghal fini tal-kalkolazzjoni tal-imghax kummercjali, il-fattura IM 23921 m'ghandhix tittiehed in konsiderazzjoni, fil-waqt li l-ammont dovut fuq il-fattura IM 24043 ghandu jigi ridott ghall-ammont ta' hames mija u tnejn u disghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€592.76)

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-13 t'Ottubru 2010 u dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2444/08 ipprezentata fis-6 ta' Awissu, 2008, ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[23] €3,867.33 - €116.47 - €25.74 = €3,725.12